# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum it-Tnejn, 20 ta’ Lulju, 2020.**

**Rikors numru 133/2020**

**Tucan Investments Limited (C 33150)**

**v.**

**Mariolot Limited (C 33086), Mario Camilleri, Mary Josephine Camilleri u Lattimer Limited (C 62094)**

**Il-Qorti:**

1. B’rikors preżentat fis-26 ta’ Ġunju 2020 is-sekwestrati (‘**Mariolot et’**) talbu r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru *in parte* maħruġ fuq talba ta’ Tucan Investments Limited (**‘Tucan’**), fis-sens li jibqa’ fis-seħħ biss fir-rigward tal-imgħaxijiet ta’ €183,072. F’dan ir-rigward it-talba saret ai termini tal-artikolu 836(1)(c), (e) u (f). Talbu wkoll li l-Qorti timponi penali fuq is-sekwestranti talli, *“.... in kwantu li intalab li jiġi kawtelat mill-ġdid is-sorte ta’ €643,830.42 – u dan minkejja d-deċiżjonijiet ta’ din l-Onorabbli*

*Qorti stess tat-28 ta' Frar 2020 – saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja"* (artikolu 836(8) tal-Kap. 12).

2. Permezz ta' nota preżentata fl-10 ta' Lulju 2020 Tucan tat ir-raġunijiet għalfejn it-talba tar-rikorrenti għandha tkun miċħuda.

3. It-talba tar-rikorrenti hi bażata fuq dawn ir-raġunijiet:-

i. Din il-Qorti diġa` iddeċidiet li s-sekwestrati kienu taw garanzija tajba għas-somma komplessiva ta' €370,943.99 mis-somma ta' €653,830.42. Għalhekk il-kumpanija sekwestranti ma kellhiex il-jedd li terġa' titlob il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru għas-somma ta' €653,830.42.

ii. Iż-żewġ mandati ta' sekwestru preċedenti baqgħu fis-seħħ fir-rigward tal-bilanċ ta' €282,886.43, u għalhekk ma kienx hemm bżonn li tippreżenta t-tielet mandat ta' sekwestru kawtelatorju, sabiex tkopri dik is-somma.

iii. Jekk is-sekwestranti riedet iżżid is-sekwestratarji, kull ma kellha tagħmel kien li tippreżenta rikors fl-atti taż-żewġ mandati ta' sekwestri preċedenti.

iv. L-iskuża li t-tielet mandat kien meħtieġ sabiex "jissalvagwardja eventwali talbiet għall-iżbank minn kredituri oħra", diġa` ġie ikkunsidrat u deċiż fit-28 ta' Frar 2020. Argument miċħud minn din il-Qorti.

4. B'deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2020 fir-rikors **Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited et** (387/19) b'referenza għall-mandat ta' sekwestru 97/2015 din il-Qorti iddeċidiet:-

> *"Tħassar f'parti minnu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 97/2015 fl-ismijiet Tucan Investments Limited vs Mariolot Limited et, u dan biss sa fejn jirreferi għas-somma ta' tlett mija u dsatax-il elf seba' mija u tletin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€319,730.57). Il-mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ għas-somma ta' mija u tmenin elf mitejn u disgħa u sittin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€180,269.43).*
>
> *"Il-flus depożitati fil-qorti biċ-ċedoli preżentati fil-Prim'Awla bin- numru 624/2015, 832/16, 581/17, 1321/18 u 638/18 għas-somma ta' €319,730.57 għandhom iservu bħala garanzija għall-parti mill-pretensjoni ta' Tucan Investments Limited".*

5. B'deċiżjoni oħra tat-28 ta' Frar 2020 fir-rikors **Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited et** (386/19) b'referenza għall-mandat ta' sekwestru 1008/2018 din il-Qorti iddeċidiet:-

> *"Tħassar f'parti minnu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 97/2015* (recte, 1008/2018) *fl-ismijiet Tucan Investments Limited vs Mariolot Limited et, u dan biss sa fejn jirreferi għas-somma ta' wieħed u ħamsin elf mitejn u tlettax-il euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€51,213.42). Il-mandat ta' sekwestru 1008/2018 jibqa' fis-seħħ għas-somma ta' mija u elfejn sitta mija u sbatax-il euro (€102,617).*
>
> *Il-flus depożitati fil-Prim'Awla biċ-ċedola numru 2084/2019 sas-somma ta' wieħed u ħamsin elf mitejn u tlettax-il euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€51,213.42) għandhom iservu bħala garanzija għall-parti mill-pretensjoni ta' Tucan Investments Limited".*

6. L-ordni li ngħatat mill-Qorti fiż-żewġ rikorsi, ċioe` ir-revoka *in parte* taż-żewġ mandati ta' sekwestru 97/2015 u 1008/2018, kienet proprju

minħabba l-fatt li kienu ġew depożitati fil-Qorti parti mill-ammont pretiż minn Tucan, total ta’ **€370,943.99** ( €319,730.57 + €51,213.42).

7. Fil-mandati ta’ sekwestri 97/2015 u 1008/2018, ir-Reġistratur tal-Qorti ma kienx wieħed mis-sekwestratarji. Min-naħa l-oħra hu l-uniku sekwestratarju fil-mandat ta’ sekwestru 731/2020 li hu l-oġġett tar-rikors in eżami.

8. Bir-rikors in eżami, ir-rikorrenti Mariolot et iridu li din il-Qorti tħassar il-mandat in kwantu jirreferi għas-somma ta’ €653,830 filwaqt li jibqa’ fis-seħħ fir-rigward tal-imgħax fl-ammont ta’ €183,072.52.

9. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tar-rikorrenti meta tqis li:-

i. Is-sentenza **Tucan Investments Limited v. Mario Camilleri, Maria Camilleri u Mariolot Limited** tal-15 ta’ Diċembru 2016 ikkundannat lis-sekwestrati (Mariolot et) sabiex iħallsu lil Tucan is-somma ta’ €653,830.42 bl-imgħax mid-data tas-sentenza. Veru li hemm appell pendenti, iżda l-pretensjoni hemm qiegħda.

ii. Il-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju hu mezz sabiex persuna tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha, u dan ukoll fejn ikun għad m’hemmx deċiżjoni.

iii. Hu evidenti li Tucan ippreżentat it-tielet mandat ta' sekwestru sabiex il-flus li hemm depożitati fil-Qorti ma jittieħdux (somma ta' **€370,943.99).** Magħhom żiedet il-bilanċ tal-pretensjoni tagħha skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-15 ta' Diċembru 2016, f'każ li jiġu depożitati iktar flus bis-saħħa tal-mandati ta' sekwestru 97/2015 u 1008/2018 jew mandati oħra.

iv. Hu veru li permezz ta' rikors Tucan setgħet titlob li fil-mandati ta' sekwestru 97/2015 u 1008/2018 jiżdied ir-Reġistratur tal-Qorti bħala sekwestratarju. Dik hi l-prassi minkejja li l-liġi ma ssemmi xejn fil-Kap. 12.

v. Hu minnu li wieħed jista' jiddubita x'kien il-bżonn li jinħareġ mandat ta' sekwestru bis-sekwestratarju jkun ir-Reġistratur meta fid-deċiżjonijiet tat-28 ta' Frar, 2020 il-Qorti qalet li ċ-ċedoli ta' depożiti li jissemmew għandhom iservu bħala garanzija għall-parti mill-pretensjoni ta' Tucan. Pero` evidentement li Tucan ma riditx tieħu riskju li xi ħadd, hu min hu, jipprova jiżbanka l-flus mingħajr ma tkun infurmata.

vi. Il-fatt li nħareġ mandat ta' sekwestru ieħor b'din id-darba s-sekwestratarju jkun ir-Reġistratur, il-Qorti mhijiex tara li s-

sekwestrati sofrew jew ser isofru xi preġudizzju. Hu veru li hemm tliet mandati ta' sekwestri kawtelatorji kontra s-sekwestrati (97/2015 għal €180,269.43; 1008/2018 għal €102,617 u issa 731/2020 għal €653,830.42 sorte u €183,072 imgħax), iżda dawk l-ammonti joħorġu mill-istess pretensjoni ċioe` l-kreditu oġġett tal-kawża **Tucan Investments Limited kontra Mario Camilleri et** (541/2014) deċiża mill-Prim'Awla fil-15 ta' Diċembru 2016, u s'issa pendenti fil-Qorti tal-Appell. Sorte wieħed hemm, ċioe` €653,830.42.

10. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'hijiex konvinta li t-talba għar-revoka hi ġustifikata.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talbiet ta' Mariolot Limited et bl-ispejjeż kontrihom.

Dan id-digriet ingħata in camera llum it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr